# Tberik tal-Għid

Minn nhar it-Tnejn ser jibda t-tberik fid-djar kollha tal-parroċċa tagħna. It-tberik hu mument ta' grazzja li fih inħossu l-Mulej qrib tagħna ġo darna stess. Jalla l-barka tiegħu nħalluha mhux biss tmiss il-ħitan ta' darna imma tinżel fil-fond ta' qalbna sabiex nindunaw kemm Hu jħobbna u jafna wieħed wieħed b'isimna; jaf l-istorja tagħna; jaf kulma għaddejna minnu; kemm batejna u stinkajna, kemm ħdimna u ttamajna; u jrid ibierek xogħol idejna u jqawwi 'l qlubna biex inkunu strumenti ta' paċi u mħabba fil-familji tagħna stess u fost dawk li niltaqgħu magħhom. Jalla dak l-ilma mbierek tal-Għid li s-saċerdot se jroxx fuqna, jiffriskalna l-fidi, it-tama u l-imħabba u jġedded fina l-ħajja ta' wlied Alla li rċivejna dakinhar tal-Magħmudija tagħna. Nistednukom tmexxu mal-programm ħalli taraw meta jmisskom u ġentilment nitolbukom, jekk possibbli, **tħallu l-bieb miftuħ jew imbexxaq**, ħalli s-saċerdot, waqt li jkun għaddej, jifhem minnufih li tixtiequ tbierku. L-Arċipriet ser ikun qed ibierek fiż-żona ta' Triq San Blas u ser jieħu iktar fit-tul. Dan biex permezz ta' dawn iż-żjajjar, ikollu ħin biżżejjed biex jiltaqa' possibbilment mal-familji kollha ta' din iż-żona.



F'dawn il-ġranet bi tħejjija għat-tberik tqassmet **ikona ċkejkna bl-ixbieha ta' Ġesù jħabbat bieb**, li jissimbolizza l-bieb ta' qalbna: dak li jista' jinfetaħ biss minn ġewwa. Din ġiet mibgħuta lilna mill-Isqof Anton bħala stedina biex inħallu iktar lil Ġesù jidħol fi djarna u jberikna.




**Ikla tal-Għid** organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima, fiċ-Ċentru tal-Għarb, nhar il-Ħamis 9 t'April f'nofsinhar. Min jixtieq trasport niltaqgħu ħdejn iċ-Ċentru fil-11.30am. Aħsbu għall-biljetti.

**Festa tal-Ħniena Divina** nhar il-Ħadd li ġej, 12 t'April, se tiġi ċċelebrata fl-4.00pm fil-knisja Bażilika. Ikun hawn is-siegħa tal-Ħniena Divina u wara jkun hawn ukoll il-Quddiesa tal-festa.

***Meta l-qasba ċċaqċaq***: play mtellgħa mill-Museum tas-Subien għal kulħadd nhar il-Ħadd 12 t'April fis-6.00pm. Fiha ħafna tagħlim għall-familja kollha. Ejjew u ġibu magħkom il-familjari tagħkom.

## Il-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa jawgurawlkom

## *L-Għid it-Tajjeb!*

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am